

# L-Arkivju Mużikali

*mill-Kummissjoni Banda Peace AD 1862*
*Anthony Cauchi, Kyle Pirotta, Ryan Cauchi, Jake Cauchi, u Emilia Zrinzo Azzopardi*

Fost il-ħafna responsabbiltajiet li għandha l-Kummissjoni Banda fi ħdan is-Soċjetà tagħna hija ż-żamma xierqa u l-konservazzjoni tal-Arkivju Mużikali. Hawn irridu nagħmlu distinzjoni mill-arkivju amministrattiv fejn huma miżmuma l-minuti, kotba tal-kontijiet, korrispondenza u dokumenti oħra tas-Soċjetà. Riċentement beda proċess intensiv mill-membri ta' din il-Kummissjoni sabiex tinġabar il-mużika kollha li tippossjedi l-Banda. L-ewwel li sar kien li x-xogħol inqasam f'żewġ kategoriji.

**Kategorija A:** Mużika klassika u moderna li tintuża fil-programmi mużikali
**Kategorija B:** Marċi brijużi u funebri

Fejn tidħol mużika klassika u moderna intużaw xejn inqas minn mitejn *box file*, b'numru vast ta' siltiet li jinkludu mużika stampata u mużika miktuba bl-idejn





*L-innu Otto Settembre tas-Surmast Direttur Giuseppe Micallef, li ndaqq fil-belt Valletta fl-ewwel festa Nazzjonali (1885)*





*Programm Mużikali tal-1886*

li tmur lura għas-sena 1880. Interessanti l-fatt li fost l-oħrajn insibu mużika miktuba minn ex-surmastrijiet bħal Ġużeppi Micallef, Ferdinando Camilleri, Vincenzo Carabott, Gavino Camilleri u oħrajn. Sabiex tkun aktar faċli ġew ikatalogati bl-isem tas-silta partikolari. Fost dan kollu nstab programm sħiħ miktub bl-idejn, b'numru ta' siltiet li kienu jintużaw waqt il-kunċerti fejn il-banda kienet tkun mistiedna ddoqq. Dan imur lura għall-aħħar seklu dsatax. Barra dan hemm ukoll mużika sagra bħal responsorji, innijiet reliġjużi u bosta siltiet varji ta' *Ave Marija*. Ir-responsorji huma xogħol l-ex-surmast Naxxari Vittorio Xerri b'arranġament ta' neputieħ is-surmast Ġużeppi Fenech. Fost l-*Ave Marijiet* nsibu kemm ta' kompożituri Maltin fosthom John Theuma, Ray Sciberras, Ferdinando Camilleri u dawk barranin bħal Franz Schubert u Giulio Caccini. Fost il-ħafna innijiet insibu dawk oriġinali u popolari ta'




*Żewġ kompożizzjonijiet 'Barba Blue' u Fausta Sinfonia' tas-Surmast Giuseppe Micallef li bejn l-1885 – 1894 kien Surmast Direttur tal-Banda ħames darbiet.*

Ferdinando Camilleri miktuba għall-festa tal-Bambina fil-bidu tas-seklu għoxrin.

**Marċi Brijużi:** Sabiex inġabru l-marċi brijużi ġew użati madwar 20 kaxxa ħalli jkunu priservati tajjeb. Dawn imorru lura għall-aħħar tas-snin 1800. Fost dawn nsibu żewġ marċi partikolari tal-ex surmast Ġużeppi Micallef: *"Otto Settembre"* miktub fl-1885 u ndaqq ġewwa l-Belt Valletta fl-ewwel tifkira tal-Assedju l-Kbir wara t-tkeċċija tal-Ordni, kif ukoll *"Queen Jubilee"* li nkiteb fl-1897 fl-okkażjoni tas-sittin sena mill-inkurunazzjoni tar-reġina Vittoria. Marċi oħra jinkludu surmastrijiet bħall-kavallier Ġużeppi Busuttil, Joseph Azzopardi, Maġġur Anthony Aquilina, Luigi Bongailas, Vincenzo Ciappara u oħrajn riċenti bħal Andrew Coleiro, Archie Mizzi, Ray Sciberras, u Ray Fenech.

**Marċi Funebri:** F'Soċjetà li tieħu sehem sħiħ fil-Ġimgħa Mqaddsa sa minn twelidha ma jistax jonqos li l-ammont ta' marċi funebri ikun wieħed vast. Il-fatt li ħafna surmastrijiet ħallew numru sabiħ minn dawn il-kompożizzjonijiet juri l-interess kbir li kienet tingħata din l-okkażjoni. Fost dawn insibu Vittorio Xerri, Vincenzo Carabott, Gavino Camilleri, u Ġużeppi Busuttil. Arkivjati wkoll insibu xogħol ta' Vincenzo Ciappara, Ġużeppi Stivala, Amadeo Vella, kif ukoll il-marċi funebri kollha tas-surmast preżenti Lino Pirotta. Biex jissemmew il-kompożituri u l-mużika kollha f'dan l-ispazju limitat huwa impossibbli. Però ppruvajt nagħti stampa ħafifa u ftit informazzjoni li sibt flimkien mal-Kummissjoni Banda li qed nagħmlu dan ix-xogħol interessanti sabiex ta' warajna isibu kollox organizzat.

### Il-Festa t-Tajba




*Selezzjoni mill-opera 'Aida' ta' Verdi, ikkupjata bl-idejn fl-1915*